



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-26/12

**Fiscale eenheid PPG Holdings BV cs te Hoogezand
vs
Inspecteur van de Belastingdienst/Noord/kantoor Groningen**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Gerechtshof te Leeuwarden)

“Taxxa fuq il-valur miżjud — Sitt Direttiva 77/388/KEE — Artikoli 17 u 13B(d)(6) — Eżenzjonijiet — Tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa — Fond għal pensjoni ta’ rtirar — Kunċett ta’ ‘ġestjoni ta’ fondi speċjali ta’ investment’”

Sommarju — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba’ Awla) tat-18 ta’ Lulju 2013

1. *Armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet fiskali — Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud — Tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa — Persuna taxxabli li toħloq fond għal pensjoni ta’ rtirar taħt il-forma ta’ entità ġuridikament u fiskalment separata sabiex tiggarrantixxi d-drittijiet tal-irtirar tal-impjegati tagħha — Taxxa li tirrigwarda servizzi li jirrigwardaw il-ġestjoni u l-funzjonament tal-fondi — Dritt għal tnaqqis — Kundizzjoni — Eżistenza ta’ rabta diretta u immedjata*

(Direttiva tal-Kunsill 77/388, Artikolu 17)

2. *Armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet fiskali — Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud — Eżenzjonijiet — Immaniġġjar ta’ fondi speċjali ta’ investment — Kunċett*

(Direttiva tal-Kunsill 77/388, Artikolu 13(B)(d) punt 6)

1. L-Artikolu 17 tas-Sitt Direttiva 77/388, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ, għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna taxxabli li tkun ħolqot fond għal pensjoni ta’ rtirar taħt forma ta’ entità ġuridikament u fiskalment separata, sabiex tiggarrantixxi d-drittijiet tal-irtirar tal-impjegati tagħha u tal-ex impjegati tagħha, għandha dritt li tnaqqas it-taxxa fuq il-valur miżjud li hija ħallset fuq servizzi li jirrigwardaw il-ġestjoni u l-funzjonament tal-imsemmi fond, sakemm l-eżistenza ta’ rabta diretta u immedjata tirriżulta miċ-ċirkustanzi kollha tat-tranżazzjonijiet inkwistjoni.

F’dan ir-rigward, għandu jiġi vverifikat jekk, minkejja l-fatt li l-fond stabbilit mill-persuna taxxabli jikkostitwixxi entità ġuridikament separata minn din tal-aħħar, l-eżistenza tal-imsemmija rabta tirriżultax madankollu miċ-ċirkustanzi kollha tat-tranżazzjonijiet inkwistjoni.

Fil-każ fejn il-persuna taxxabli takkwista s-servizzi inkwistjoni sabiex tiżgura l-amministrazzjoni tal-pensjonijiet ta’ rtirar tal-impjegati tagħha u l-ġestjoni tal-kapital tal-fondi għal pensjoni ta’ rtirar ikkostitwit sabiex tiggarrantixxi l-imsemmija pensjonijiet ta’ rtirar, skont obbligu legali li hija għandha

bħala persuna li timpjega u sa fejn l-ispejjeż tas-servizzi miksuba minn din il-persuna taxxabbli f'dan il-kuntest jagħmlu parti mill-ispejjeż ġenerali tagħha, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, huma, bħala tali, komponenti tal-prezz tal-prodotti tal-persuna taxxabbli.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, jista' jitqies li l-kawża esklużiva tal-akkwist tas-servizzi tal-input hija l-attivitajiet taxxabbli tal-persuna taxxabbli u li teżisti rabta diretta u immedjata.

Din il-kunsiderazzjoni ma hijiex invalidata mill-possibbiltà li jiġi ssodisfatt l-obbligu legali li tiġi pprovduta sistema għal pensjoni ta' rtirar għall-impjegati tal-persuna taxxabbli permezz ta' mezzi differenti minn dak li jiġi kkostitwit fond taħt forma ta' entità ġuridikament u fiskalment separata.

(ara l-punti 24 -26, 28, 29 u d-dispożittiv)

2. Ara t-test tad-deċizzjoni.

(ara l-punti 30, 31)